# Formola ta’ Bidu tal-Impjieg għal min jaħdem għal Rasu

## Noti għal min se jibda jaħdem għal rasu:

1. Din il-formola għandha timtela minn min se jibda jaħdem għal rasu għall-ewwel darba, u minn min kien diġà qed jaħdem għal rasu imma waqaf u se jerġa’ jibda jaħdem għal rasu.

2. Jekk int se tħaddem lil xi ħadd miegħek, għandek timla din il-Formola għalik u kif ukoll Formola ta’ Bidu tal-Impjieg għal kull impjegat li se jibda jaħdem miegħek. Qabel ma timla il-formola tal-ħaddiem tiegħek, qis li tkun diġà ġibt in-numru tal-PE mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

3. Din il-formola għandek tibgħata lil Jobsplus fl-**ISTESS JUM** li fih tibda taħdem għal rasek.

4. F’kull każ ta’ bidu ta’ impjieg, din il-formola (mimlija kif imiss) għandha tintbagħat lil Jobsplus fl-
**ISTESS JUM** li fih jibda l-impjieg.

5. Jekk dan huwa l-ewwel impjieg tiegħek u int mhux ċittadin Malti, ikollok bżonn:

   (a) Kopja *(minn wara u minn quddiem*) tal-Karta tal-Identità tiegħek jew dik tal-Permess tar-Residenza maħruġa minn Identity Malta; u

   (b) Ikollok fil-pussess tiegħek Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tan-Numru tas-Sigurtà Soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jew, ċertifikat ta' eżenzjoni (Formola A1 - *https://www.servizz.gov.mt/en/Pages/Inclusion_-Equality-and-Social-Welfare/Social-Solidarity/Benefits-and-Services/WEB635/default.aspx*) mill-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mill-istess Dipartiment. In-numru tal-NI jeħtieġ li jinkiseb minnek innifsek mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Jekk diġà kellek numru tas-Sigurtà Soċjali maħruġ lilek għal-impjieg ieħor, dan l-istess numru ma jinbidilx u jista’ jerġa' jintuża f'każ ta' impjieg ġdid (jiġifieri m'hemmx bżonn li jintalab numru ieħor tal-NI).

   (c) Fil-każ li inti persuna li qed tfittex l-ażil / l-ażil kien miċħud; jew detentur ta’ Awtorizzazzjoni ta' Residenza Speċifika; jew persuna bi Protezzjoni Sussidjarja / Status ta' Protezzjoni Umanitarja Temporanja jew Status ta' Refuġjat, hija meħtieġa Liċenzja tal-Impjieg. Din il-liċenzja tinħareġ mill-Employment Licensing Unit ta’ Jobsplus. (Email: Employment- licences.jobsplus@gov.mt).

   (d) Fil-każ li inti mhux ċittadin Malti jew Ewropew, hija meħtieġa li jkollok Liċenzja tal-Impjieg. Madankollu, għandek bżonn tiċċekkja ma' Identity Malta jekk intix eliġibbli biex tapplika għal Permess Uniku qabel ma tidħol f'xi attività ta' impjieg, jew jekk tali liċenzja tistax tiġi applikata fi ħdan Employment Licensing Unit ta’ Jobsplus.

6. Id-dokumenti msemmija f’paragrafu 5, għandhom jintbagħtu lil Jobsplus flimkien ma’ din il-formola.

7. F'din il-formola, fejn hemm il-kliem:

(a) "*Indirizz*" **f'Taqsima A**, għandu jitniżżel l-indirizz personali ta' min jaħdem għal rasu.

(b) "*Lokalità fejn se tkun qed taħdem*" **f'Taqsima B**, għandu jitniżżel l-isem tal-belt jew raħal fejn inti tagħmel ix-xogħol tiegħek, jekk inti taħdem f'post fiss.

(c) "*Indirizz tal-entità kummerċjali*" **f'Taqsima Ċ**, għandu jitniżżel l-indirizz tal-post fejn tirċievi l- korrispondenza tax-xogħol tiegħek, jekk int taħdem f'post fiss.

(d) Taħt it-taqsima "*Forom ta' Ħidma* ", tintwera lista ta' arranġamenti ta' xogħol atipiċi. Dawn huma arranġamenti tax-xogħol li jaqgħu barra mill-isfera tas-sigħat fissi. Dawn li ġejjin huma d-definizzjonijiet li għandhom jiġu adottati:
   - *Jum*: Xogħol regolari bejn is-6am u s-6pm minbarra l-weekends.
   - *Lejl*: Xogħol regolari mis-6pm 'il quddiem.
   - *Xogħol bix-xift*: L-iskeda tax-xogħol tvarja bejn filgħodu, wara nofsinhar u bil-lejl.
   - *Weekends*: Taħdem regolarment is-Sibt u/jew il-Ħadd

(e) "*Teleworker*" hija persuna li qed taħdem mid-dar (jew post remot) billi tuża tagħmir bħat-telefown, l-internet, u l-email; u li din tkun ingaġġata ma' min iħaddem/għal rasha reġistrat/a f'Malta jew Għawdex.

8. **Fit-Taqsima Ċ (Dettalji ta' min iħaddem),** "*Numru ta' min iħaddem (Jobsplus)*" hu n-numru maħruġ mill-Jobsplus meta persuna li se taħdem għal rasha tiġi rreġistrata. Jekk din hija l-ewwel darba li se taħdem għal rasek u għad m'għandekx dan in-numru, għandek tħallih vojt.

9. Din il-formola għandha tintbagħat fuq **hriu.jobsplus@gov.mt**

F'każ ta' diffikultà tista' ċċempel fuq **153**

10. Din il-formola tista' tintbagħat ukoll minn fuq il-sit elettroniku: **www.jobsplus.gov.mt**

11. Persuna li taħdem għal rasha u li ma tibgħatx din il-formola fiż-żmien stipulat tista' teħel multa skont kif kontemplat minn Artiklu 50 sa 54 tal-Liġi Dwar Is-Servizzi Ta' Impjieg u Taħriġ ATT XXXIX tal-2018.

12. Tintbagħat irċevuta għal kull formola li tiġi pproċessata. Jekk il-persuna li taħdem għal rasha ma taslilhiex irċevuta, hi fid-dmir li tinforma lil Jobsplus mill-aktar fis biex tintbagħatilha rċevuta oħra jew li titniżżel direttament mis-sit elettroniku jekk tkun intbagħtet b'mod elettroniku.

13. Dawn in-noti jservu biss bħala gwida.

*"L-informazzjoni personali tinġabar, tinżamm u tintuża minn Jobsplus, kif ukoll tiġi mgħoddija lil terzi persuni sabiex twettaq il-funzjonijiet meħtieġa ta' Jobsplus skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kapitolu 594) tal-Liġijiet ta' Malta. Jobsplus se tuża l-informazzjoni personali skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data 2018, ir-Regolament Ġenerali għall-Protezzjoni tad-Data KE/679/2016 u r-Regoli tal-Privatezza ta' Jobsplus (https://jobsplus.gov.mt/privacy-policy). L-informazzjoni personali li tiġi mgħoddija lil Jobsplus għandha tkun korretta u jekk ikun hemm xi bidliet, dawn għandhom jiġu kkomunikati lil Jobsplus minnufih. Kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegati għandhom id-dritt li jaċessaw, ibiddlu jew iħassru, fejn applikabbli, l-informazzjoni personali li Jobsplus għandha dwarhom, kif ukoll li titlob li kwalunkwe informazzjoni personali mhux korretta tiġi rranġata."*

# FORMOLA TAL-BIDU TAL-IMPJIEG - GĦAL MIN JAĦDEM GĦAL-RASU

Għal użu tal-uffiċju biss:

## TAQSIMA A: DETTALJI PERSONALI

Numru tal-Karta tal-Identità/Passaport*

Numru tas-Sigurtà Soċjali

Data tat-Twelid*

Isem*

Kunjom*

Numru u/jew Isem tad-Dar*

Triq*

Lokalità*

Kodiċi Postali*

Indirizz Elettroniku*

Numru tal-Mowbajl

Numru tat-Telefown

**Sess***

Raġel ☐ Mara ☐ Oħrajn ☐

**Nazzjonalità***

Maltija ☐ Ċittadinanza Doppja ☐

Unjoni Ewropeja ______ ☐

Mux mill-Unjoni Ewropeja ______ ☐

F'każ ta' ċittadin li mhux ġej mill-Unjoni Ewropea (UE), u li hu/hi dipendenti fuq xi ħadd b'nazzjonalità tal-Unjoni Ewropea (UE), niżżel in-nazzjonalità taċ-ċittadin tal-UE hawn taħt, u ehmeż kopja tal-*Karta tar-Residenza* jew l-Irċevuta Temporanja *(Interim Receipt)* maħruġa minn Identity Malta taċ-ċittadin li mhux ġej mill-Unjoni Ewropea. ☐

F'każ ta' ċittadin li mhux ġej mill-Unjoni Ewropea (UE), u hu/hi miżżewweġ/a Malti/Maltija, ehmeż id-dokument tal-"*Freedom of Movement by Marriage*" hekk kif maħruġ mill-Identity Malta. ☐

## TAQSIMA B: DETTALJI DWAR L-IMPJIEG

**Bażi tax-xogħol***

Full-Time ☐ Part-Time ☐

**Titlu ta' Xogħol (*Kariga*)***

**Forom ta' Ħidma***

Ġurnata ☐ Xogħol bix-Xift ☐

Bil-Lejl ☐ Weekends ☐

**Arranġament tax-Xogħol**

Teleworker ☐

**Data tal-Bidu tal-Impjieg*:**

**Lokalità fejn se tkun qed taħdem***

Malta ☐ Għawdex ☐ Barra minn Malta ☐

Raħal /Belt

*Kaxxi mmarkati b'asterisk (*) huma obbligatorji

## TAQSIMA Ċ: DETTALJI KUMMERĊJALI DWAR MIN QED IĦADDEM

*Jekk id-dettalji tal-indirizz kummerċjali huma l-istess bħal dawk fit-Taqsima A (indirizz tar-residenza), jekk jogħġbok immarka (✓) f'din il-kaxxa:* ☐

Isem kummerċjali użat minn dak/dik li qed jaħdem/taħdem għall-rasu/rasha*

Numru ta' min iħaddem *(Jobsplus)*

Numru tal-PE *(Dipartiment tat-Taxxa)*

Isem l-entità kummerċjali (*Partnership* / Kumpanija)*

Numru tal-VAT

Indirizz kummerċjali tal-entità kummerċjali*

Lokalità*

Kodiċi Postali*

Numru tal-Mowbajl

Numru tat-Telefown

Indirizz Elettroniku*

Is-Settur Prinċipali li fih topera l-Entità Kummerċjali*

**Tip ta' Negozju***

- Naħdem għal rasi (ma nimpjegax nies) ☐
- Naħdem għal rasi (bl-impjegati) ☐
- Koperattiva ☐
- Bi Sħab (Partnership) ☐
- Impriża konġunta (Joint Venture) ☐
- Sidien Maltin ☐
- Sidien Barranin ☐

---

Firma*

Kariga*

Nurmi tal-Karta tal-Identità*

Data ta' meta tintbagħat din il-Formola*

**Kaxxi mmarkati b'asterisk (*) huma obbligatorji**

**Jobsplus Għawdex: Rekords tal-Impjiegi**
Sir Arturo Mercieca Street, Victoria VCT 2024
Tel: +356 22201955/1875
Email: hriuforms.jobsplus@gov.mt